**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 82**
**It-Tnejn, 30 ta' Jannar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**RABAT GĦAWDEX – TAĊ-ĊAWLA – PROĠETT TA' BINI TA' HOUSING**

**4237. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji tal-proġett ta' bini ta' housing ġewwa Taċ-Ċawla, ir-Rabat Għawdex li kien issemma fl-2019 u jekk dan jaqax taħt il-Ministeru tiegħu jew taħt l-Awtorità tad-Djar?

21/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li ġew sottomessi l-pjanti lill-Awtorita tal-Ippjanar u nħarġu l-permessi meħtieġa biex ikun jista' jinbeda x-xogħol, il-Ministeru għal Għawdex ħareġ sejħa għall-offerti u din kienet maqsuma fi tlieta. It-tender tikkonsisti f'xogħol ta' kostruzzjoni, finishing u M&Es. Bħalissa qegħdin isiru l-preparamenti kollha meħtieġa biex jinbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-istess proġett.

Seduta 82
30/01/2023

**PERSUNI LI GĦADDEW IL-MEDICAL BOARD**

**4238. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm persuni li għaddew il-Medical Board mill-2021 sa kemm tiġi mwieġba din id-domanda u kemm hemm minnhom li reġgħu bdew jaħdmu?

21/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li kien hemm 75 impjegat taċ-Ċivil li għaddew il-Medical Board mill-2021 u ħadd minnhom ma reġa' beda jaħdem maċ-Ċivil.

Seduta 82
30/01/2023

**SERVIZZ TAL-153 – TELEFONATI FUQ KWISTJONIJIET RELATATI MA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**4239. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il telefonata daħlet fuq il-153 li jistaqsu fuq kwistjonijiet relatati mal-akkomodazzjoni soċjali fis-snin 2020, 2021 u 2022?

21/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li kien hemm 198 telefonata fuq l-153 li staqsew fuq kwistjonijiet relatati mal-akkomodazzjoni soċjali fi tliet snin.

Seduta 82
30/01/2023

**EMPLOYEE SUPPORT PROGRAMME**

**4240. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il każ ġie segwit mill-Employee Support Programme matul is-snin 2020, 2021 u 2022?

21/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li rigward klijenti ġodda li talbu l-ewwel appuntament għand l-ESP huwa kif ġej:

2020 – 348
2021 – 429
2022 – 369

Seduta 82
30/01/2023

**TQASSIM TA' FONDI GĦAL ĦIDMA TAL-ĠURNALIŻMU STAMPAT**

**4241. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għall-istqarrija li kienet saret mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru nhar il-21 ta' Mejju 2022 dwar il-fond ta' €500,000 biex isostnu l-ħidma tal-ġurnaliżmu stampat, jista' l-Prim Ministru jgħid kif tqassmu dawn il-flus?

21/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 82
30/01/2023

**VETTURI LIĊENZJATI LI JĠORRU PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**4242. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn vetturi liċenzjati li jġorru persuni b'diżabilità?

21/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hawn 304 vettura liċenzjata lijġorru persuni b'diżabilità.

Seduta 82
30/01/2023

**PULIZIJA - SENTENZA DWAR ĦLAS TA' KUMPENS**

**4907. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl tas-sentenza mogħtija llum dwar kumpens lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jista' l-Ministru jgħid min se jkun qiegħed iħallas dan il-kumpens, jekk hux il-persuni li d-dettalji dwarhom qed jintbagħtu separatament, jew iċ-ċittadin Malti?

19/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dan il-każ huwa suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji li mhumiex konklużi.

Seduta 82
30/01/2023

**INKJESTA INTERNA FL-ISKOLA**

**4991. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra u jgħid x'kienet il-kariga tal-persuna li mexxiet l-inkjesta interna fl-iskola fejn sar l-abbuż sesswali f'Diċembru 2022?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kariga tal-persuna li qed tmexxi l-inkjesta hija dik ta' Direttur fis-Servizz Pubbliku.

Seduta 82
30/01/2023

**INKJESTA INTERNA FL-ISKOLA**

**4992. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamrau jgħidmeta se jiġi ppubblikat ir-rapport tal-inkjesta interna dwar il-każ ta' abbużż sesswali f'Diċembru 2022, fil-Parlament?

30/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq l-inkjesta għadu għaddej.

Seduta 82
30/01/2023

**FAMILY REUNIFICATION**

**5028. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: To ask the Minister, since Government policy does not allow for a parent who does not earn the median wage (plus 20% for each dependent) to apply for family reunification, how many decisions have there been in which a minor (under 18) was refused residence, on the basis of family reunification, in the last five years?

04/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta għal din il-Mistoqsija Parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**PJAN TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PORT**

**5095. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2054, 3730, 4034, 4251, 4608, 4831, 4884 u 4921 u jgħid kemm sewa l-pjan kbir ta' Riġenerazzjoni tal-Port? Jista' jagħti l-istudji li ntużaw?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li l-Onor. Interpellant hu diġà fil-pussess tal-pjani għar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-istudji kollha li saru b'konsegwenza, jien infurmat li dawn swew €345,000.

Seduta 82
30/01/2023

**SKEJJEL – AED MHUX FUNZJONABBLI**

**5096. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4941 u jaġġorna lill-Kamra u jgħid kemm-il AED hemm li mhux funzjonabbli fl-iskejjel?

10/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**SKEJJEL – FIRE DRILLS**

**5119. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4943 u jaġġorna lill-Kamra u jgħid kemm-il skola għamlet fire drill fl-ewwel terminu skolastiku tas-sena 2022-23?

10/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li 48 skola għamlu fire drill fl-ewwel terminu skolastiku tas-sena 2022/23.

Seduta 82
30/01/2023

**SKEJJEL LI MA GĦANDHOMX SERVIZZ TA' LIFT JEW TURĠIEN TA' EMERĠENZA F'KAŻ TA' NIRIEN**

**5120. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4944 u jaġġorna lill-Kamra u jgħid kemm-il skola m'għandhiex is-servizz tal-lift u turġien ta' emerġenza f'każ ta' nirien? Jista' jagħti din l-informazzjoni mhux għall-iskola b'mod ġenerali iżda anke kull blokka fejn hu relevanti?

10/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU TAL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – LINE ITEM 5803**

**5148. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4405dwar Line Item 5803 fl-Estimi tal-Bagit 2023, 'Community Inclusive Employment Scheme', jista' l-Ministru jgħid x'wassal biex kien hemm tnaqqis ta' €150,000 fuq l-estimi tas-sena l-oħra? Jista' jgħid kif ser jagħmel tajjeb għal dan it-tnaqqis fid-dawl li fit-tweġiba tiegħu assigura lill-ħaddiema kollha tal-Community Inclusive Employment Scheme (C.I.E.S.) li ser jinżammu?

11/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li qed issir l-assigurazzjoni li l-ebda impjieg tal-ħaddiema tal-Community Inclusive Employment Scheme mhu ser jintilef minħabba l-fatt li s-sena l-oħra sar advance payment li jkopri parti mill-ħlas dovut għas-sena kurrenti.

Seduta 82
30/01/2023

**PERSUNI FUQ IS-SERVIZZI SOĊJALI**

**5149. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni f'Malta/Għawdex li huma fuq is-servizzi soċjali? Jista' jagħti l-kategoriji kollha ta' dawn is-servizzi soċjali u jgħid kemm hemm persuni f'kull kategorija?

11/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**SKEMA 'GĦOTJA GĦALL-IRRANĠAR U/JEW TKOMPLIJA TAL-EWWEL RESIDENZA'**

**5150. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4539, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet għall-iskema 'Għotja għall-Irranġar u/jew Tkomplija tal-Ewwel Residenza'? Jista' jgħid x'kienet il-medja tal-għotjiet mogħtija?

11/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li taħt l-Iskema - Għotja għall-Irranġar u/jew Tkomplija tal-Ewwel Residenza l-Awtorità tad-Djar kellha 363 talba għas-sena 2022. Il-medja tal-għotjiet kienet is-segwenti:
Kostruzzjoni – €2,550
Finishing - €1,990.

Seduta 82
30/01/2023

**TA' GIORNI HOUSING ESTATE – LIFTS**

**5151. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4610, jista' l-Ministru jwieġeb għaż-żewġ mistoqsijiet li ma rrispondiex, u ċjoè:
a. jekk ir-residenti ta' dawn il-binjiet kinux infurmati, u jekk iva, kif; u
b. f'liema xahar ser jibdew dawn ix-xogħlijiet?

11/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-indirizzi tal-applikazzjonijiet approvati għal-lokalità ta' San Ġiljan huwa kif muri fit-tabella t'hawn taħt. Ir-residenti ġew infurmati b'dan permezz ta' ittra.

| **BLOKK** | **TRIQ** | **LOKALITÀ** | **DATA TAL-ITTRA** |
|---|---|---|---|
| BLOKK G, AREA 20 | TRIQ JEAN HOUEL | SAN ĠILJAN TA' GIORNI | 06 TA' APRIL 2022 |
| BLOKK F | TRIQ JEAN HOUEL | SAN ĠILJAN TA' GIORNI | 28 TA' OTTUBRU 2020 |
| BINJA TAL-MEZZANINI, AREA 8, DJAR 1 SA 10 | TRIQ LAPSI | SAN ĠILJAN TA' GIORNI | 20 TA' MEJJU 2022 / LAQGĦA MAL-KUNSILL LOKALI DATATA 07 TA' OTTUBRU 2022 |
| BLOKK E | TRIQ ANDRE' MAUROIS | SAN ĠILJAN TA' GIORNI | 21 TA' AWWISSU 2020 |

Seduta 82
30/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 6 - WORKFORCE PLAN**

**5233. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 6) kien li ser jiġi żviluppat "workforce plan" fejn jiġi allokat in-numru tal-pulizija meħtieġa f'kull qasam fil-Korp, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-pjan sarx u jekk iva jpoġġi kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3980.

Seduta 82
30/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 6 - DIVERSITÀ U INKLUŻJONI FIL-KORP**

**5234. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 6) kien li ser jiżdied il-livell ta' diversità u inklużjoni fil-Korp tal-Pulizija biex ikun hemm rappreżentanza tajba fis-soċjetà Maltija, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-pjan sarx, u jekk iva kif qed jiġi implimentat?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3981.

Seduta 82
30/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 6 - DELEGAZZJONI TA' AWTORITÀ**

**5235. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 6) kien li ser titħaddem skema fejn jibda jkun hemm delegazzjoni ta' awtorità f'kull livell fil-Malta Police Force, jista' l-Ministru jgħid eżattament dan xi jfisser? Din is-sistema, jekk qed tintuża, kif qed tintuża?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3982.

Seduta 82
30/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 7 - COMPETENCY FRAMEWORK**

**5236. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 7) kien li l-Malta Police Force jrid jagħmel 'competency framework' bil-għan li jistabbillixxi għodda li tgħin fir-recruitment, taħriġ u performance ta' kull membru fil-Korp, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-performance management framework huwiex fis-seħħ u jekk iva, huwiex jintuża fil-promozzjonijiet li saru fil-Korp dawn l-aħħar snin? Jekk jeżisti dan il-competency framework, jista' jitpoġġa kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3983.

Seduta 82
30/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 7 - EXCHANGE PROGRAMMES**

**5237. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 7) kien li jintgħażlu membri mill-Malta Police Force biex jieħdu sehem f'exchange programmes, jista' l-Ministru jgħid jekk marrux pulizija f'dawn l-'exchange programmes' u jekk iva, kemm minnhom saru u fejn marru?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3984.

Seduta 82
30/01/2023

**KORP TAL-PULIZIJA - MALTA POLICE TRANSFORMATION STRATEGY 2020-2025 - OBJECTIVE 7 - RECRUITMENT U GĦAŻLA FINALI**

**5238. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għall-*Malta Police Transformation Strategy 2020-2025*, fejn intqal li wieħed mill-oġġettivi strateġiċi (Objective 7) kien li jinbidel ir-recruitment u l-għażla finali tan-nies biex jidħlu fil-Korp, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-proċess bediex u xi nbidel?

16/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3985.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – PROĠETT TA' RINNOVAZZJONI**

**5292. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex ma sarx dokument uniku bħala viżjoni għall-proġett ta' rinnovazzjoni tas-swali fl-Isptar Mount Carmel?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi r-rinovazzjoni u r-rijabilitazzjoni tal-isptar Monte Karmeli qiegħed isir skont pjan ħolistiku maqbul mal- management tal-isptar.

Seduta 82
30/01/2023

**PROĊESS TA' SERVICE AGREEMENT**

**5293. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex stenna li jagħlaq 'is-service agreement' f'Settembru 2022 biex beda proċess biex isir kuntratt ġdid? Fiex wasal il-proċess u sakemm jinbeda l-kuntratt ġdid, kif ser jitmexxa dak preżenti?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jidentifika għal liema service agreement qed jirreferi.

Seduta 82
30/01/2023

**KUNTRATT TAS-SERVIZZI TAS-SIGURTÀ**

**5294. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex hemm kuntratt skadut tas-servizzi tas-sigurtà, anke wara l-estensjonijiet li ngħataw sa Marzu 2022?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jispeċifika għal liema kuntratt qed jirreferi.

Seduta 82
30/01/2023

**TWAĦĦIL TA' CCTV CAMERAS**

**5295. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm twaħħlu sistemi tal-kameras tas-sigurtà (CCTVs) f'dawn l-aħħar erba' snin? Jista' jgħid f'liema swali twaħħlu u f'liema le?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jispeċifika għal liema entita' qiegħed jirreferi għaliha.

Seduta 82
30/01/2023

**SISTEMA TA' CAMERAS ĊENTRALIZZATA**

**5296. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex is-sistema tal-cameras (CCTV) mhix waħda ċentrali iżda waħda individwali? Jista' jgħid jekk hemmx pjan u meta se jsir biex ikun hemm sistema ċentralizzata?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jispeċifika għal liema entita' qiegħed jirreferi għaliha.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – SISTEMI TA' CAMERAS TAS-SIGURTÀ**

**5297. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk twaħħlux sistemi ta' cameras tas-sigurtà ġodda fil-ġonna biswit is-swali tal-Isptar Mount Carmel fl-aħħar erba' snin?

16/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-aħħar erba snin twaħħlu numru ta' cameras tas-sigurta fil *grounds* ta' l-isptar u ġew *upgraded* xi wħud mil-*cameras* tal-*Main Garden*.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**5338. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid jekk ħaddiema mas-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

17/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working u teleworking jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - PERSUNI LI JAĦDMU BIT-TELEWORKING**

**5339. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid jekk ħaddiema mas-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

17/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working u teleworking jiġu reveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**5340. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

17/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għar-remote working jiġu riveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – PERSUNI LI JAĦDMU BIT-TELEWORKING**

**5341. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħaddiema mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

17/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara kull terminu ta' kull kuntratt, l-arranġamenti għat-teleworking jiġu riveduti skont il-ħtieġa fuq il-bażi li jkun hemm bilanċ bejn id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-uffiċjali, kif ukoll li jintlaħqu l-obbligi tad-Dipartimenti u s-servizz li jrid jingħata.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**5342. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid jekk ħaddiema mas-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' remote working?

17/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari nru 5340.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PERSUNI LI JAĦDMU BIT-TELEWORKING**

**5343. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid jekk ħaddiema mas-Segretarjat Parlamentari konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, jistgħux ikomplu jaħdmu permezz ta' teleworking?

17/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari nru 5341.

Seduta 82
30/01/2023

**KORPI DIXXIPLINATI – PERSUNI LI TAW IL-25 SENA SERVIZZ - PENSJONI**

**5384. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li l-pulizija, il-membri tal-Armata u l-bqija li wettqu l-25 sena servizz, ikollhom iċ-ċans għal pensjoni sħiħa?

18/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta għall-din il-Mistoqsija Parlamentari tingħata f'seduta oħra.
Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – PROĠETTI MARITTIMI**

**5393. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi proġetti marittimi saru mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2022 fil-gżira Għawdxija, fiex kienu jikkonsistu u kemm ġie jiswa kull wieħed minn dawn il-proġetti? Jista' jgħid ukoll xi proġetti marittimi hemm ippjanati li jsiru mill-Ministeru

tiegħu fil-gżira Għawdxija matul is-sena 2023, fiex jikkonsistu u kemm huma ppjanati li jiġu jiswew kull wieħed minn dawn il-proġetti?

19/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2022 tlesta u ġie inawgurat il-proġett tar-Rijabilitazzjoni tal-Infrastruttura tas-Sajd f'Għawdex fil-parti tal-Imġarr. Ix-xogħol kien jikkonsisti fl-installazzjoni ta' tagħmir fid-dry-standing area li kien jinkludi winċ ġdid u service pillars għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-bastimenti li jkunu qed isiru mis-sajjieda fiż-żona, kif ukoll sistema ta' CCTV cameras biex jissorveljaw l-istess żona. Dawn kienu jammontaw għal €95,000. Flimkien ma' dawn ix-xogħlijiet kien hemm il-provvista ta' ħames karrijiet sofistikati skont l-istandard meħtieġ biex jakkomoda l-qisien differenti tal-bastimenti kollha tas-sajd u towing truck biex jiġbed dawn l-istess karrijiet. Dawn inġabu permezz ta' tender separat u kienu jammontaw għal €790,000. Il-proġett kollu, inkluż ix-xogħlijiet li saru fix-Xlendi aktar qabel, ġie jlaħħaq mal-€1.2 miljun.

Seduta 82
30/01/2023

**XEWKIJA, GĦAWDEX – SME HUB**

**5394. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar il-proġett propost fid-diversi baġits passati għal SME Hub ġewwa x-Xewkija, Għawdex u jgħid x'sar matul is-sena 2022 fuq dan l-imsemmi proġett u kemm intefqu flus? Jista' jgħid ukoll x'hemm ippjanat li jsir matul is-sena 2023 fuq dan il-proġett u kemm hu ppjanat li tkun in-nefqa?

19/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għas-sena 2023 hemm ippjanat li jkompli l-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI – TALBIET MINN ĦADDIEMA GĦAL TRANSFERS F'GĦAWDEX**

**5395. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet għal trasferiment minn ħaddiema u xi grad huma, li jaħdmu mal-Ministeru għall-Edukazzjoni biex imorru jaħdmu f'xi dipartiment jew entità oħra mal-Ministeru għal Għawdex f'Għawdex mill-1 ta' Jannar 2020 sal-lum? Kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, u fejn marru jaħdmu dawn il-ħaddiema li t-talba tagħhom ġiet milqugħa? Jista' jgħid fil-preżent kemm hemm talbiet pendenti?

19/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ĦADDIEMA GĦAWDXIN**

**5396. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm u preżentement kemm hemm ħaddiema Għawdxin jaħdmu ġewwa Malta f'dipartimenti, awtoritajiet, aġenziji u entitajiet governattivi li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu sena b'sena mis-sena 2020 sal-lum? Jista' jgħid preżentement dawn il-ħaddiema ma' liema entità qed jaħdmu u xi grad huma?

19/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ĦADDIEMA SEKONDATI JEW ON LOAN**

**5397. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm u kemm hemm ħaddiema seconded jew on loan mal-Ministeru għal Għawdex, sena b'sena u xahar b'xahar mit-8 ta' Marzu 2013 sad-data ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid x'tip ta' xogħol qed jagħmlu mal-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid x'kien ix-xogħol tagħhom (il-grad jew job description) u ma' liema Ministeru, entità, awtorità, korporazzjoni, aġenzija jew kumpanija tal-Gvern kienu jaħdmu qabel ġew seconded jew ġew on loan mal-Ministeru għal Għawdex?

19/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – PROĠETTI F'GĦAWDEX**

**5398. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4523 u jgħid liema huma l-proġetti f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom u jgħid liema minnhom ġew aċċettati u saru, liema ġew aċċettati u għadhom ma sarux u se jsiru matul is-snin 2022, 2023 u 2024, u liema ma ġewx aċċettati biex isiru permezz tal-'*Operational Programme I - European Structural and Investment Funds 2014-2020*' "*Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges*", u kemm se jingħata flus minn dan il-fond il-Ministeru għal Għawdex għal dawn il-proġetti?

19/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-proġetti f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika għalihom u ġew aċċettati taħt l-'Operational Programme I - European Structural and Investment Funds 2014-2020' "Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges", huma s-segwenti.

| **Isem tal-Proġett u Numru** | **Status** |
|---|---|
| | |
| ERDF.8.034The Establishment of a walking, jogging and cycling trail at Ulysses Grove & the Development of a multi-sports facility for a healthier lifestyle | Ippjanat li jkun lest fil-2023 |
| ERDF.05.029 The Rehabilitation of Xewkija Windmill | Tlesta |
| ERDF.04.70 The Upgrading and Retrofitting of the Administration Centre, Victoria, Gozo | Ippjanat li jkun lest fil-2023 |

Seduta 82
30/01/2023

**ĦAL GĦAXAQ – PERSUNI LI JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**5423. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qed jirċievu l-għajnuna soċjali tul is-sena li għaddiet li huma residenti ta' Ħal Għaxaq u jistax jgħid ukoll kemm kien hemm nisa u kemm rġiel?

19/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ammont ta' persuni li kienu qed jirċievu l-Għajnuna Soċjali f'Diċembru 2022, u li kienu residenti Ħal Għaxaq, kien kif jidher fit-tabella aktar 'l isfel:

| **Ħal Għaxaq** | **Irġiel** | **Nisa** | **Total** |
|---|---|---|---|
| SA/SUP/UA | 12 | 55 | 67 |
| SUA | 3 | 4 | 7 |
| **Total** | **15** | **59** | **74** |

SA - Għajnuna Soċjali
SUP - Għajnuna Soċjali lill-ommijiet xebbiet
UA - Għajnuna Soċjali tal-Qgħad
SUA - Għajnuna lil barranin li jgawdu minn Protezzjoni Sussidjarja u mhumiex f'impjieg.

Seduta 82
30/01/2023

**ĦAL TARXIEN - TEMPJI NEOLITIĊI - VIŻITATURI**

**5424. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm viżitaturi fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni possibbilment skont is-sess tagħhom tul is-sena 2022 u kemm kien hemm dħul u nfiq fl-istess?

19/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li filwaqt li Heritage Malta ma żżommx dettalji dwar is-sess tal-viżitaturi, in-numru ta' viżitaturi li żaru l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni matul is-sena 2022 kien ta'25,111.

Infurmat ukoll li d-dħul jammonta għal €701,136 filwaqt li l-infiq jammonta għal €161,141.

Seduta 82
30/01/2023

**RAĦAL ĠDID – ĠNIEN SAN ALWIGI - XOGĦLIJIET**

**5425. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslu x-xogħlijiet li għandhom isiru f'Ġnien San Alwiġi, Raħal Ġdid?

19/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Raħal Ġdid illi rigward il-'Ġnien San Alwiġi', kien hemm tkomplija tal-proċess mal-awtoritajiet kkonċernati sabiex ikun jista' jsir il-proġett.

Infurmat ukoll li qed jitkompla l-proċess tal-preparazzjoni tat-tenders relatat ma' dan il-proġett.

Seduta 82
30/01/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI DWAR PROSTITUZZJONI**

**5459. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata li ppermettiet ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament privat biex jiġi użat bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali bi ksur tal-artikolu 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid kemm-il persuna nstabet ħatja, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel, ta' liema nazzjonalità kienet il-persuna u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti? Jista' jgħid kemm-il każ kien jirreferi għal ħanut, kemm-il każ kien jirreferi għal

alloġġ, kemm-il każ kien jirreferi għal lukanda, kemm-il każ kien jirreferi għal appartament privat u jindika f'liema lokalità kienu jinsabu?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn is-sena 2013 u s-sena 2022 illi l-persuni li tressqu l-Qorti akkużati li ppermettew ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament privat biex jiġi użat bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali bi ksur tal-artikolu 9 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta) kienu dawk li jidhru fit-tabella il qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra li tinkludi dettalji oħra mitluba, fejn dawn kienu disponibbli.

Seduta 82
30/01/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI DWAR PROSTITUZZJONI**

**5460. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata li tat b'kiri jew ippermettiet l-użu ta' dar jew fond għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali bi ksur tal-artikolu 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid kemm-il persuna nstabet ħatja, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel, ta' liema nazzjonalità kienet il-persuna u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti? Jista' jindika f'liema lokalità kienu jinsabu d-djar jew fondi?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn is-sena 2013 u s-sena 2022 kien hemm tliet persuni li tressqu l-Qorti akkużati li taw b'kiri jew ippermettew l-użu ta' dar jew fond għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali bi ksur tal-artikolu 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta). Dettalji kif mitluba jinsabu fit-tabella hawn taħt, kull fejn kienu disponibbli. Iż-żewġ persuni li nstabu l-Hamrun huma l-istess li huma inklużi wkoll fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet 5456, 5457 u 5459.

| Sena | Ammont totali | Total Nisa | Total Irġiel | Nazzjonalità f'kull kaz | Piena f'kull każ fejn deċiżi | Lokalità fejn instabu |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2016** | 1 person | 0 | 1 | Maltin | Sitt xhur priġunerija sospiżi għal tmintax-il xahar. Art. 28A Kap 446 | Residenza |
| **2017** | 2 persons | 0 | 2 | Maltin | Sentenza ta' sentejn ħabs sospiża għall-4 snin (Art. 28A. Kap. 9) u ordni ta' protezzjoni bl'Art. 412C Kap. 9 ghall-sena favur il vittma. | Ħamrun – hanut |

Seduta 82
30/01/2023

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA – AVVIŻI BIL-MIKTUB DWAR ŻGUMBRAMENT TA' PROPRJETAJIET UŻATI GĦAL SKOP TA' PROSTITUZZJONI**

**5461. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il avviż bil-miktub ta l-Kummissarju tal-Pulizija biex sid jew persuna li għandha l-amministrazzjoni ta' dar jew lokal ieħor ta' proprjetà u li huma użati għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali, jieħu l-passi meħtieġa quddiem il-Qorti għall-iżgumbrament tal-persuni li jkunu qegħdin joqogħdu f'dak il-fond skont dak li jipprovdi l-artikolu 12(1) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid kemm-il persuna ġiet akkużata li naqset milli tieħu l-azzjoni mitluba mill-Kummissarju tal-Pulizija, kemm-il persuna nstabet ħatja, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel, ta' liema nazzjonalità kienet il-persuna u x'kienet il-piena li ngħatat mill-Qorti? Jista' jindika f'liema lokalità kienu jinsabu d-djar jew proprjetà oħra?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi minn verifiki li saru min-naħa tal-Pulizija ma jidhirx illi fil-perjodu indikat mill-Onor. Membru kien hemm avviżi bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija biex sid jew persuna li għandha l-amministrazzjoni ta' dar jew lokal ieħor ta' proprjetà u li huma użati għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali, jieħu l-passi meħtieġa quddiem il-Qorti għall-iżgumbrament tal-persuni li jkunu qegħdin joqogħdu f'dak il-fond skont dak li jipprovdi l-artikolu 12(1) tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta).

Seduta 82
30/01/2023

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA – ĦRUĠ TA' ORDNI DWAR GĦELUQ TA' PROPRJETAJIET UŻATI GĦAL SKOP TA' PROSTITUZZJONI**

**5462. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il ordni ta l-Kummissarju tal-Pulizija biex dar, ħanut, alloġġ, lukanda, appartament jew fond ieħor jinżammu magħluqa sa ma l-Qorti tagħti sentenza skont dak li jipprovdi l-artikolu 13 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid kemm-il każ kien jirreferi għal dar, kemm-il każ kien jirreferi għal ħanut, kemm-il każ kien jirreferi għal alloġġ, kemm il-każ kien jirreferi għal lukanda, kemm-il każ kien jirreferi għal appartament, kemm-il każ kien jirreferi għal fond ieħor u jindika f'liema lokalità kienu jinsabu?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infumat illi bejn is-sena 2013 u s-sena 2022 kien hemm każ wieħed fis-sena 2017, fejn kien hemm ordni tal-Kummissarju tal-Pulizija biex ħanut fil-Ħamrun jinżamm magħluq sa mal-Qorti tagħti sentenza skont dak li jipprovdi l-artikolu 13 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta).

Seduta 82
30/01/2023

**QRATI – TĦASSIR TA' LIĊENZJI F'KAŻ TA' REATI FIL-PROSTITUZZJONI**

**5463. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, f'kemm-il każ il-Qorti ħassret liċenzja dwar xi lukanda, alloġġ, ħanut jew fond ieħor jew ta' liċenzja tas-sewqan tal-ħati jew liċenzji oħra f'każ ta' kundanna għal reati taħt l-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta)?

20/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din it-tip ta' statistika.

Seduta 82
30/01/2023

**CCF – SENTENZI TA' PRIĠUNERIJA DWAR REATI TA' PROSTITUZZJONI**

**5464. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il persuna kienet qed isservi sentenza ta' priġunerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin dwar reati ta' prostituzzjoni jew li għalkemm is-sentenza li qed isservi kienet jew hija dwar reati oħra, l-istess persuna kellha x'taqsam mal-prostituzzjoni? Jista' jgħid is-sess u l-età ta' kull waħda mill-imsemmija persuni?

20/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant hi kif tidher fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| Sena | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rġiel | 0 | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 2 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| Nisa | 2 | 7 | 7 | 6 | 4 | 9 | 5 | 4 | 3 | 1 | 0 |
| Total | 2 | 8 | 7 | 6 | 5 | 10 | 7 | 4 | 4 | 1 | 0 |
| | | | | | | | | | | | |
| Eta' | 22 | 24 | 21 | 25 | 23 | 20 | 23 | 26 | 26 | 42 | 0 |
| | 28 | 25 | 24 | 31 | 24 | 20 | 25 | 26 | 36 | | |
| | | 26 | 26 | 37 | 31 | 22 | 25 | 44 | 38 | | |
| | | 27 | 27 | 41 | 32 | 24 | 28 | 46 | 56 | | |
| | | 33 | 31 | 45 | 52 | 25 | 48 | | | | |
| | | 39 | 41 | 45 | | 35 | 52 | | | | |
| | | 40 | 44 | | | 39 | 54 | | | | |
| | | 48 | | | | 45 | | | | | |
| | | | | | | 47 | | | | | |
| | | | | | | 49 | | | | | |

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MATER DEI – DIJABETE - BELOW THE KNEE AMPUTATIONS**

**5480. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid sena b'sena, bejn l-2013 sal-2022, kemm kien hemm *below the knee amputations* fl-Isptar Mater Dei, ta' persuni li jbatu minn *neuropathy* minħabba d-Dijabete?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MATER DEI – DIJABETE - AMPUTAZZJONIJIET MILL-GĦAKSA L-ISFEL**

**5481. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b'sena, bejn l-2013 sal-2022, kemm kien hemm amputazzjonijiet mill-għaksa l-isfel, inkluż tas-swaba', fl-Isptar Mater Dei, ta' persuni li jbatu minn neuropathy minħabba d-Dijabete?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MATER DEI – DIJABETE - KUMPLIKAZZJONIJIET F'SAQAJN MINĦABBA NEUROPATHY**

**5482. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b'sena, bejn l-2013 sal-2022, kemm kien hemm pazjenti li ddaħħlu fl-Isptar Mater Dei għall-kura minħabba kumplikazzjonijiet f'saqajhom minħabba *neuropathy* ikkawżata mid-Dijabete? Kemm kienet il-medja ta' kull sena fit-tul ta' ġranet li dawn il-pazjenti kienu taħt kura fl-Isptar Mater Dei?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MATER DEI – MIU 1**

**5483. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema sular jinsab l-MIU1 ġewwa l-Isptar Mater Dei?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-MIU 1 jinstab fl-ewwel sular.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MATER DEI – MIU 1 - TWIEQI**

**5484. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u l-Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il tieqa hemm ġewwa l-MIU1 li jagħtu għal barra u li minnhom il-pazjenti jistgħu jittawlu għal barra?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-MIU 1 m' hemmx twieqi li jgħatu għall barra.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MATER DEI – MIU 1 – SODOD, TOILETS U SHOWERS**

**5485. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il sodda hemm ġewwa l-MIU1? Jista' jgħid kemm-il toilet u shower hemm disponibbli għall-pazjenti li hemm ġewwa l-MIU1?

20/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l- MIU1 fiha 29 sodda u fiha hemm 3 toilets u 3 showers.

Seduta 82
30/01/2023

**PENSJONI KONTRIBUTORJA**

**5514. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4873 u jgħid kemm hu n-numru globali ta' pensjonanti li jirċievu Pensjoni Kontributorja? Jista' jgħid ukoll kemm hu n-numru ta' pensjonanti li jirċievu Pensjoni Kontributorja f'kull kategorija msemmija hawn taħt:
(a) Pensjonanti li twieldu bejn is-snin 1920 u 1940;
(b) Pensjonanti li twieldu bejn is-snin 1941 u 1955;
(c) Pensjonanti li twieldu bejn is-sena 1956 u 1961; u
(d) Pensjonanti li twieldu bejn is-snin 1962 u 1965?

23/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**PENSJONI MINIMA NAZZJONALI**

**5515. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi r-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali illum mingħajr il-*bonus* u ż-żieda għall-għoli tal-ħajja għal persuna li għandha pensjoni kontributorja singola?

23/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**PENSJONI MINIMA NAZZJONALI**

**5516. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi r-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali illum mingħajr il-*bonus* u ż-żieda għall-għoli tal-ħajja għalpersuna li għandha pensjoni kontributorja tal-miżżewġin?

23/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**PENSJONI TAL-ETÀ**

**5517. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni sal-lum li qed jirċievu l-pensjoni tal-età? Jista' jgħid kemm minn dawn huma nisa u kemm minnhom huma rġiel? Jista' jgħid ukoll kemm hi n-nefqa tal-Gvern f'dan ir-rigward?

23/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**PENSJONI TAR-ROMOL**

**5518. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid illum kemm hawn nisa li jirċievu Pensjoni tar-Romol? Jista' jgħid kemm minn dawn il-persuni kellhom dritt għall-pensjoni tagħhom, iżda minflok għażlu li jirċievu l-pensjoni tar-raġel?

23/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**PENSJONI TAR-ROMOL**

**5519. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid illum kemm hawn irġiel li jirċievu Pensjoni tar-Romol? Jista' jgħid kemm minn dawn il-persuni kellhom dritt għall-pensjoni tagħhom, iżda minflok għażlu li jirċievu l-pensjoni tal-mara?

23/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**PERSUNI BIL-KONDIZZJONI TA' MULTIPLE SCLEROSIS – MEDIĊINA 'KESIMPTA (OFATUMUMAB)'**

**5540. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-proċess ta' tendering għall-mediċina'Kesimpta (Ofatumumab)' sabiex tingħata lil min ibati minn Multiple Sclerosis?

23/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ma ħareg l-ebda *tender* għall mediċina li qed jirreferi għaliha.
Seduta 82
30/01/2023

**IL-FGURA - VJAL KOTTONER – BINI TAT-TRIQ**

**5550. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3222, jista' l-Ministru jgħid meta huwa skedat li jibda x-xogħol fi Vjal Kottoner fil-Fgura?

23/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol ta' bini mill-ġdid ta' din it-triq beda.

Seduta 82
30/01/2023

**IL-FGURA – TRIQ MATER BONI CONSILII — XOGĦLIJIET**

**5551. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3137 fejn il-Ministru informa li dawn ix-xogħlijiet se jkunu lesti sa Diċembru li għadda, peress li wasalna fl-aħħar ta Jannar 2023 u x-xogħol għadu għaddej, jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni li dan ix-xogħol jintemm? X'inhi r-raġuni li dan ix-xogħol waqa' lura? Jista' l-Ministru konċernat jieħu l-passi neċessarji sabiex il-kuntrattur jimxi b'ritmu mgħaġġel kemm jista' jkun u mhux jitħalla jġebbed bix-xogħol b'numru limitat ta' ħaddiema fuq is-sit tax-xogħol? Jaf il-Ministru li sakemm qed isir dan it-tnikkir, ir-residenti ta' din il-parti tat-triq qed jgħaddu minn inkonvenjenti kbar bla bżonn speċjalment meta tagħmel ix-xita?

23/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel saff t'asfalt fl-ewwel fażi ta' din it-triq ingħata iktar kmieni il-ġimgħa l-oħra wara li nstab li partijiet mill-pedamenti ta'din it-triq kien jinvolvi aktar xogħol kawża ta' materjal naturali dgħajjef. Fattur ieħor li kkawża ħsarat kien it-temp u b'hekk kellu

jerġa' jsir xi xogħol. Ix-xogħol fit-tieni fai jinsab fi stadju avvanzat filwaqt li fil-ġimgħat li ġejjin mistenni li jibda x-xogħol fuq il-pedamenti.

Seduta 82
30/01/2023

**BORMLA - LIFT F'BINJA TAL-GVERN - TISWIJIET**

**5552. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jissewwa u jibda jiffunzjona l-lift tal-Blokka tal-Bini tal-Gvern, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, li ilu bil-ħsara għal dawn l-aħħar tliet snin?

23/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-residenti tal-imsemmi blokk, fis-sena 2022 ġew iggwidati biex japplikaw taħt l-iskema LFT tal-Awtorità tad-Djar sabiex jibbenefikaw minn lift ġdid.

Seduta 82
30/01/2023

**ŻGĦAŻAGĦ LI MA BAQGĦUX REĠISTRATI F'IMPJIEG**

**5553. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm żgħażagħ ta' nazzjonalità Maltija ta' età bejn 16 u 30 sena bejn is-snin 2013 u 2022 li f'xi perjodu minn dan kellhom impjieg reġistrat f'Malta jew Għawdex u mbagħad ma baqgħux reġistrati fl-ebda impjieg u lanqas kienu/qegħdin jirreġistraw għax-xogħol?

23/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, skont il-formoli tal-bidu tal-impjieg, in-numru ta' żgħażagħ ta' nazzjonalità Maltija, li kellhom impjieg f'Malta jew Għawdex bejn is-snin 2013 u 2022, u kellhom l-età ta' bejn is-16 u 30 fil-perjodu rispettiv kien ta' 114,751. Kull persuna ngħaddet darba biss.
Minn dawn il-persuni 18,015-il persuna m'għandhomx impjieg irreġistrat u lanqas kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol sal-aħħar ta' Diċembru 2022. Ir-ragunijiet għal dan jistgħu jkunu diversi, inkluż li jkunu komplew bl-istudji tagħhom.

Seduta 82
30/01/2023

**BORMLA - BINI TA' APPARTAMENTI TAL-GVERN**

**5554. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għall-bini ġdid ta' appartamenti tal-Gvern f'Bormla li għadu qed jinbena, jista' l-Ministru jgħid:

a. Dawn l-appartamenti diġà ġew allokati?
b. Meta ġew allokati?
c. Meta kienu mwegħdin l-inkwilini l-ġodda li se jkollhom iċ-ċwievet tal-appartamenti?
d. Peress li l-bini għadu mhux lest, meta huwa mistenni li dan il-proġett jintemm u l-inkwilini l-ġodda jingħataw iċ-ċwievet?

23/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellanta li l-Bord tal-Allokazzjonifi ħdan l-Awtorità tad-Djar alloka appartamenti f'diversi blokok f'Bormla matul is-sena 2022. Iċ-ċwievet u l-kuntratt finali huma taħt ir-responsabbiltà tal-Malita Investments.

Seduta 82
30/01/2023

**BORMLA – BINI TA' GARAXXIJIET TAL-GVERN**

**5555. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għall-proġett ta' djar li qed jinbena ġewwa Bormla, jista' l-Ministru jgħid jekk parti minn dan il-proġett tikkonsistix f'numru ta' garaxxijiet? Kemm hemm garaxxijiet? Kif ser ikunu allokati dawn il-garaxxijiet u meta? L-inkwilini li ngħataw appartament fl-istess blokka se jkollhom xi forma ta'right of first refusaljew xi privileġġ ieħor?

23/01/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tad-Djar li qed jinbena ġewwa Bormla jikkonsisti minn 30 garaxx. Dawn il-garaxxijiet ser ikunu qed jiġu mqassma mill-uffiċjali tal-kumpanija Malita Investments.

Seduta 82
30/01/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – NURSES U/JEW CARERS BARRANIN**

**5567. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' Ministru jgħid jekk nurses u/jew carers barranin (TCN) li jaħdmu fil-parti l-ġdida ta' San Vinċenz għandhomx salarju bażiku u/jew bonuses differenti minn dawk li jaħdmu fil-parti l-antika? Jekk inhu l-każ jista' jagħti raġuni u/jew ġustifikazzjoni?

23/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-care workers li huma pprovduti lil San Vinċenz de Paul u li jaħdmu fil-blokok il-ġodda huma pprovduti u mħallsa minn Kuntrattur.

Seduta 82
30/01/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAR-RIJUNIFIKAZZJONI TA' BARRANIN MAL-FAMILJA F'MALTA**

**5568. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nies barranin, nazzjonalità b'nazzjonalità li applikaw għar-rijunifikazzjoni mal-familja tagħhom f'Malta u għadhom qed jistennew li jintemmilhom il-proċess?

23/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-nazzjonalità ta' dawk li applikaw għar-rijunifikazzjomi mal-familja tagħhom f'Malta huma kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| **Nationality** | **Number of Applications** |
|---|---|
| Georgian | 1 |
| Serbian | 3 |
| Albanian | 3 |
| Filippino | 6 |
| Indian | 13 |
| Malaysian | 2 |
| Tunisian | 1 |
| Syrian | 3 |
| Ethiopian | 1 |
| Libyan | 5 |
| Nigerian | 2 |
| Pakistani | 8 |
| Bangladeshi | 3 |
| Egyptian | 2 |
| British (United Kingdom) | 3 |

| | |
|---|---|
| Sinhalese (Srilanka) | 2 |
| Turkish | 3 |
| Russian | 2 |
| Moldovan | 1 |
| Mexican | 1 |
| South African | 1 |
| Lebanese | 1 |
| Macedonian | 2 |
| Japanese | 1 |
| American (U.S.A.) | 2 |
| Chinese | 1 |
| Colombian | 2 |
| Uzbek | 1 |

Seduta 82
30/01/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAR-RIJUNIFIKAZZJONI TA' BARRANIN MAL-FAMILJA F'MALTA**

**5569. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa ż-żmien minn mindu persuna tapplika għar-rijunifikazzjoni mal-familja sakemm jintemm il-proċess?

23/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li għandha ssir referenza għal-LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 217.06, REGOLAMENTI DWAR IR-RIJUNIFIKAZZJONI TAL-FAMILJI, b'mod partikolari l-paragrafu 9.

Seduta 82
30/01/2023

**OPERAZZJONIJIET POSPOSTI**

**5570. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema tip ta' operazzjonijiet u kemm minn kull tip ġew posposti mill-1 ta' Jannar 2023 sa meta titwieġeb din il-mistoqsija fl-Isptar Mater Dei u x'kienet ir-raġuni prinċipali għal kull tip ta' operazzjoni?

23/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**SPTAR MATER DEI – –UŻU TAL-OPERATING THEATRES**

**5571. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma l-Key Performance Indicators għall-użu tal-operating theatres fl-Isptar Mater Dei u jippreżenta fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar rapport li juri l-kejl tal-performance tal-użu tal-operating theatres?

23/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**ENERGY PERFORMANCE CERTIFICATES**

**5572. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Minħabba li sa minn Ġunju 2022 għadha ma ġietx imwieġba l-mistoqsija parlamentari 1981, jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati, sena sena u sakemm qed titwieġeb din il-mistoqsija, Energy Performance Certificates (EPCs) għall-ewwel darba, maqsuma bejn bini jew installazzjonijiet privati, pubbliċi u kummerċjali? Kemm minn dawn skadew? Kemm minn dawk li skadew reġgħu ġew imġedda u kemm minn dawk li skadew għadhom skaduti? Kemm mir-rakkomandazzjonijiet li saru fiċ-ċertifikati li saru fl-ewwel ċertifikat ġew implimentati sakemm saret iċ-ċertifikazzjoni sussegwenti?

23/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 82
30/01/2023

**IL-FGURA – TRIQ MATER BONI CONSIGLII - XOGĦLIJIET**

**5575. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra rigward ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa fuq Triq Mater Boni Consiglii, il-Fgura? X'inhu l-pass li jmiss u meta hu maħsub li titlesta?

23/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari numru 5551.

Seduta 82
30/01/2023

**MARSASCALA - PARKEĠĠ TAĦT L-ISKOLA TA' MARSASKALA GĦAL PUBBLIKU**

**5576. L-ONOR. RAY ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun miftuħ uffiċjalment għal pubbliku l-parkeġġ ta' taħt l-iskola l-ġdida f'Marsaskala?

23/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**TRIQ TAL-BARRANI**

**5578. L-ONOR. RAY ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-pjan għal Triq tal-Barrani u li kienet fil-midja fil-jiem li għaddew, jista' l-Ministru jagħti informazzjoni u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, pjanti li juru l-pjanijiet tax-xogħlijiet previsti għal din it-triq prinċipali u għal interċessjonijiet tat-toroq li jaqbdu ma' din it-triq u li jinkludu:

a. Direzzjoni lejn iċ-Ċentru ta' Ħal Tarxien (Triq Palma),
b. Gudja (Triq Ħal Tarxien),
c. Direzzjoni Bulebel-Fgura (Triq San Anard),
d. Direzzjoni St James Hospital (Triq il-Ħotba),
e. Ħal Għaxaq (Triq il-Belt Valletta), u
f. aktar l'isfel fid-direzzjoni tal-Vjal 25 ta' Novembru, Żejtun?

23/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjanijiet għal dan il-junction upgrade għadhom qed jiġu ffinalizzati. L-Agenzija tinsab f'diskussjonijiet attivi ma' stakeholders biex dan il-proġett jimxi l-quddiem għal benefiċċju ta' kulħadd.

Seduta 82
30/01/2023

**MARSA - TRIQ IT-TIĠRIJA - AĊĊESS**

**5589. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5344 u jikkonferma li t-traffic lights ta' Triq it-Tiġrija, il-Marsa (35°52'49.3"N 14°29'28.2"E) huma aċċessibbli biss għal numru żgħir ta' nies li għandhom aċċess għal ċavetta? Jekk iva, jista' jispjega r-raġuni għal dan? Jista' jgħid min huma n-nies li għandhom aċċess? Jista' jispjega wkoll għalfejn ir-residenti li jgħixu fl-akkwati m'għandhomx?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-traffic lights minnu indikati huma intiżi biex jiffaċilitaw manuvrar ta' vetturi kummerċjali fl-akkwati u huma s sidien ta' dawn l entitajiet kummerċjali li għandhom access għalihom. Il-kontroll ta' dawn il-lights kien imwaħħal qrib dawn l-attivitajiet kummerċjali għal dan il-għan, jiġifieri biex ikunu jistgħu joħorġu l vetturi tagħhom mit-trejqa li hemm biswit. Biex jiġi evitat il-periklu li hemm meta persuna taqsam dik it triq, ittieħdu numru ta miżuri. Persuna tista' timxi passaġġ ta' madwar 400 metru li hu sigur u li xorta waħda jaqdi lir-residenti li jgħixu fl-inħawi.

Seduta 82
30/01/2023

**FGURA – TRIQ L-GĦOLLIEQ U TRIQ ĦAŻ-ŻABBAR – KAŻ TA' AZZJONI TA' INFURZAR**

**5590. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5350 u ċjoè: Fid-dawl li l-azzjoni ta' infurzar li rreferejt għaliha fil-mistoqsija parlamentari 5199 ma titrattax dwar il-ħitan "temporanji", imma dwar il-fatt li fil-pjanti marbutin mal-permess li nħareġ, l-iżvilupp ħareġ 'il barra mil-linji tal-"istreet alignment" li kien hemm annessi mal-mistoqsija parlamentari, jista' l-Ministru jispjega kif il-permess ġie approvat bi żvilupp 'il barra mill-"istreet alignment"? Jista' jgħid ukoll s'issa x'azzjoni ttieħdet marbuta mal-claim għal infurzar li d-dettalji dwarha kienu ngħataw separatament mal-mistoqsija parlamentari 5199? Jista' jagħti garanzija li l-Gvern u l-Awtorità se jaraw li ma jsirx abbuż mill-iżviluppatur u l-aċċess minn Triq l-Għollieq għal Triq Ħaż-Żabbar se jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku kif dejjem kien u kif juri l-"istreet alignment"?

24/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar tara li l-pjanti approvati mal-permess tal-iżvilupp u l-linja uffiċjali tal-bini jiġu segwiti fl-eżekuzzjoni tal-iżvilupp.

Seduta 82
30/01/2023

**MELLIEĦA- TRIQ EDWARD CAMILLERI – ZEBRA CROSSING/LIGHTS**

**5592. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonsidra b'urġenza li fi Triq Edward Camilleri fil-Mellieħa (fil-parti ta' fejn hemm l-entratura għall-klassijiet tal-Kinder u taċ-Childcare Centre) issir zebra crossing/lights minn Transport Malta u dan biex jiġu evitati inċidenti/traġedji, liema sitwazzjoni kienet viċin li sseħħ għal diversi drabi fl-aħħar ġimgħat?Fejn tajjeb jingħad ukoll li fl-istess parti tat-triq, hemm l-entratura għall-faċilità sportiva tal-Mellieħa Sports Club li tintuża minn mijiet ta' tfal u żgħażagħ b'mod regolari matul il-ġimgħa.

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**BIRKIRKARA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**5593. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jitlesta l-Health Centre ta' Birkirkara u meta beħsiebu jerġa' jibda jopera u jkompli jagħti d-diversi servizzi lejn iċ-ċittadini li joqogħdu Birkirkara?

24/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-pjan hu, li c- Ċentru tas-Saħħa ta' B'Kara jerġa jibda jopera it-tieni sitt xhur ta' din is-sena. Fil-frattemp, is-servizz tat-teħid tad-demm u dak tal-Podjatrija baqgħu jingħataw miċ-Ċentru ta' B'kara.

Seduta 82
30/01/2023

**BORMLA – BERTHING PLACE**

**5594. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1277 fejn il-Ministru qal li l-moll għal-Landing Place f'Bormla għas-servizz tal-Harbour Ferry mistenni jitlesta u jibda jintuża sal-aħħar ta' Ottubru 2022, jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta x-xogħol u jibda jintuża dan il-landing place f'Bormla?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq il-Bormla Ferry Landing Site jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Bħalissa ninsabu fi stadju ta' ttestjar u kkummissjoni tal-makkinarju u installazzjoni tas-servizzi. Il-proġett mistenni jkun konkluż fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 82
30/01/2023

**BORMLA – TRIQ SANTA TEREŻA – TRAFFIC LIGHTS**

**5595. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għala t-traffic lights fi Triq Santa Tereża, Bormla jieħdu 50 sekonda minn meta wieħed jagħfas biex jaqsam sakemm jixgħel il-lights biex wieħed ikun jista' jaqsam?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-traffic lights fit-triq imsemmija għandhom programmat 35 sekonda ħin ta' stennija u 3 sekondi ambra qabel ma jintwera d-dawl aħmar lill-vettura. Din hija skont in-norma.

Seduta 82
30/01/2023

**MINI TA' GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET**

**5596. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1022 fejn il-Ministru qal li x-xogħol marbut mal-Mina ta' Għajn Dwieli u ċjoè l-proġett huwa ppjanat li jitlesta sal-aħħar ta' Ottubru, jista' l-Ministru jgħid meta se jkun lest dan ix-xogħol?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta lestiet xogħolijiet ta' restawr tal-istruttura tal-mina ta' Għajn Dwieli, inkluż iż-żewġ daħliet taghha, kif ukoll ix-xaft ta' ventilazzjoni li hemm f'nofsha. Tlestew ukoll xogħolijiet ta' asfaltar biex b'hekk il-mina bħalissa tinsab miftuħa għall-pubbliku. Fix-xhur li ġejjin, se tibda l-installazzjoni tas-sistema tad-dawl ġdida u aċċessorji oħra biex tittejjeb is-sigurta' f'kas ta' nirien fil-mini.

Seduta 82
30/01/2023

**FGURA – VJAL KOTTONERA - MANUTENZJONI**

**5597. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara jekk tistax issir manutenzjoni fi Vjal Kottoner il-Fgura peress li din it-triq niżlet u qed tkun ta' periklu għas-sewwwieqa?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din it-triq ser tinbena mill-ġdid u għalhekk ma hemmx lok għall-manutenzjoni. Ix-xogħol f'din it-triq diġà beda.

Seduta 82
30/01/2023

**BIRGU – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI FIL-MARINA**

**5598. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Marina u s-servizzi offruti fil-Marina tal-Birgu?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Marina tal-Birgu hija waħda privata taħt konċessjoni li tinkludi l-ispa¿ju tal-baħar fejn jitpoġġew il-puntuni u l-moll ma' fejn jitwaħħlu l-istess puntuni.

Bħal Marinas oħra privati, huwa fl-obbligu tal-Operatur skond il-ftehim ta' konċessjoni, li jżomm f'kundizzjoni tajba u jmantni regolarment l-infrastruttura u s-servizzi relatati mal-operat bħala manutenzjoni u tiswija ordinarja. Dan jinkludi manutenzjoni u tiswijiet fuq il-pavimentar ta' fuq il-moll taħt l-istess konċessjoni fejn partijiet minnu, bl-użu u ż-żmien jinqala u anke jsirlu ħsara b'ipparkjar illegali ta' vetturi li jagħtu servizz lir-restoranti ta' fuq ix-xatt.

Il-culverts li jgħattu is-servizzi u konnessjonijiet ta' dawl u ilma li jgħaddu minn taħthom ukoll issirilhom ħsara u dawn jinbidlu u jitranġaw ukoll skond il-ħtieġa.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni u tiswija straordinarja, jiġifieri interventi fuq mollijiet biex tisewwa ħsara li saret biż-żmien u li ma jirriżultax li sar bl-operat, dan isir b'koordinazzjoni bejn l-Awtoritajiet tal-Gvern konċernati, f'dan il-ka¿ l-Awtorità tal-Artjiet, Infrastructure Malta u Transport Malta.

Il-parti tal-moll quddiem il-Mużew Marittimu ġarrab ħsarat konsiderevoli matul iz-zmien, speċjalment fuq il-pedamenti u s-sisien tiegħu.

It-tip ta' interventi li għandhom isiru qiegħdin jiġu diskussi bejn l-Awtoritajiet imsemmija biex ikun jista' jibda x-xogħol meħtieg fix-xhur li ġejjin.

Seduta 82
30/01/2023

**BIRGU – IRWEJJAĦ TAD-DRENAĠĠ MILL-BAĦAR QUDDIEM IL-MONUMENT TAL-ĦELSIEN**

**5599. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux qegħdin ikunu investigati l-irwejjaħ kbar ta' drenaġġ li hemm fil-baħar quddiem il-Monument tal-Ħelsien fil-Birgu?

24/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-jiem li ġejjin il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, flimkien ma' Infrastructure Malta se jwettqu xogħlijiet f'Misraħ ir-Rebħa. Permezz ta' dan l-intervent l-imsemmija irwejjaħ għandhom jiġu indirizzati.

Seduta 82
30/01/2023

**NOISE CONTROL COMMISSION – PROBLEMA TA' NOISE POLLUTION**

**5614. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4271, u peress li r-referenzi li ngħataw ma jagħtux tweġiba għall-mistoqsija li saritilha, tista' l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 4271 u tgħid jekk hemmx xi persuna/i jew kummissjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kwistjonijiet ġenerali relatati mal-istorbju, peress li n-Noise Control Commission m'għadhiex topera u allura m'għadhiex taqdi din il-funzjoni?

24/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nerġa nirreferi lill-Onorevoli Interpellanta għar-risposta mogħtija għall-mistoqsija parlamentari tagħha stess numru 4271, li tagħmel referenza għal mistoqsija parlamentari numru 2258 li twieġeb tajjeb il-mistoqsija li qed tagħmel.

Imma peress li l-Onorevoli Interpellanta jidher li ma fehmitx t-tweġiba, niċċaralha għal darb'oħra li l-awtorità għal-Ambjent u r-Riżorsi li taqa' taħt il-Ministeru għal-Ambjent, L-Enerġija u l-Intrapriża, hija responsabbli skond ir-Regolamenti dwar Valutazzjoni u Maniġġjar ta' Ħsejjes fl-ambjent (L.S.549.37), tistabbilixxi metodi biex jiġu evitati, issir prevenzjoni u jkunu mnaqqsa ħsejjes fl-ambjent fosthom permezz ta' mapep tal-ħsejjes.

Dan ir-regolament mhux intiż biex jindirizza ħsejjes fuq livell individwali.

Seduta 82
30/01/2023

**PROBLEMA TA' NOISE POLLUTION**

**5615. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4272, u peress li r-referenzi li ngħataw ma jagħtux tweġiba għall-mistoqsija li saritilha, tista' l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 4272 u tgħid jekk il-Gvern għandux ħsieb li jipproponi qafas leġiżlattiv sabiex tiġi regolata l-problema ta' noise pollution b'mod ħolistiku?

24/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta li tajtha għall-mistoqsija tagħha stess numru 4272, li tagħmel referenza għat-tweġiba għal mistoqsija 2258 u allura għall-qafas legali li jirregola ħsejjes fl-ambjent.

Seduta 82
30/01/2023

**CONTROLLED RESIDENTIAL LEASES**

**5616. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu ppreżentati każi sa issa quddiem il-Bord tar-Regolamenti tal-Kera minn meta daħal fis-seħħ l-Att dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, Att XXIV tal-2021? Kemm minn dawn kienu solvuti?

24/01/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' każi preżentati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera minn meta ġie fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021 sas-27 ta' Jannar 2023 fil-Qorti ta' Malta kienu ta' 2,099 li minnhom ġew terminati 704. Filwaqt li fil-Qorti ta' Għawdex ġew preżentati 63li minnhom ġew terimanti 24.

Seduta 82
30/01/2023

**ŻONA TAD-DIB – PLOTS TAL-HOS – KAŻIJIET PENDENTI**

**5617. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4188, jista' l-Ministru jgħid kemm ilu pendenti l-każ in kwistjonifiż-żona tad-Dib fil-Mosta?

24/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għad baqa' porzjon tà art li trid tiġi akkwistata wara li sar espropju permezz ta' GN nr.148 tas-26/02/1988. L-istess każ għadu qiegħed jinstema' quddiem il-Land Arbitration Board għaldaqstant l-akkwist tal-art f'dik iż-żona ma jistax jiġi ffinnalizzat qabel ma jitlestew dawn il-proċeduri.

Seduta 82
30/01/2023

**SPEZZJONIJIET FUQ IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

**5618. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi jsiru spezzjonijiet mill-Awtorità tal-Artijiet fuq imwejjed u siġġijiet?

24/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li spezzjonijiet isiru fuq bażi regolari, u għall-arrieda, f'kull post li jinħass li jkun hemm bżonn, u jsiru wkoll fuq rapporti mill-pubbliku jew entitajiet pubbliċi oħra li għandhom doveri fuq dan it-tip ta' Żvilupp, speċjalment:

- meta jitpoġġew imwejjed u siġġijiet mingħajr ma tkun ingħatat konċessjoni mingħand L-Awtorita' ta' l-Artijiet;
- meta s-sid tal-istabbiliment għandu konċessjoni ta' mwejjed u siġġijiet, u qiegħed jabbuza billi jitpoġġew imwejjed u siġġijiet il-barra mill-marki stabbiliti u konformi mal-permess;
- meta jitpoġġew imwejjed u siġġijiet li jkunu ta' detriment (Periklu) għall-Publiku in ġenerali;
- meta l-Awtorita' ta' l-Ippjanar toħrog Avviż ta' Infurzar (Enforcement Notice) u tinforma lill-Awtorita' ta' l-Artijiet.

Seduta 82
30/01/2023

**SUSSIDJI GĦALL-ISTUDENTI**

**5619. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-sussidji disponibbli għal studenti tal-MCAST sabiex jgħinuhom jixtru rota, pedelec, mutur jew e-kick scooter?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sussidji disponibbli għal studenti tal-MCAST sabiex ngħinuhom jixtru rota, pedelec, mutur jew e-kick scooter huma kif stipulat.
€500 meta tinxtara rota li taħdem bl-elettriku;
€1000 għal mutur ġdid li jaħdem bil-petrol jew
€2000 għal mutur ġdid li jaħdem bid-dawl jew

€400 meta rota tiġi konvertita f'pedelec  Dawn l-istudenti jrid jkollhom 16-il sena jew aktar u jkunu fil-pussess ta' liċenzja biex isuqu mutur.

Seduta 82
30/01/2023

**RABAT, MALTA – TAĊ-ĊGĦAKI – SKOLA PRIMARJA "B"**

**5642. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4786 u 5365 u jgħid meta se jkun lest ix-xogħol fl-Iskola Primarja 'B' f' Taċ-Ċgħaki, ir-Rabat, Malta?

24/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq l-iskola msemmija se jkunu lesti għas-sena skolastika li jmiss.

Seduta 82
30/01/2023

**ANNIMALI ADDOTTATI LI ĠEW IKKONFISKATI**

**5643. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari , 1623 u 1966 u 5363 u jgħid kemm ġew ikkonfiskati annimali minn Mejju, 2021 u li ġew addottati qabel bdew il-proċeduri fil-qrati?

24/01/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Mejju 2021 sa Diċembru 2022, id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kkonfiska total ta' 294 annimal li jikkonsistu minn poni, papri, qtates, għasafar, tiġieġ, summien, fniek tal-indi u fniek kif ukoll klieb,  wiżż, pluvieri, sriedaq, tiġieġ u amorini. Minn dawn, 285 annimali ġew addottati .

Seduta 82
30/01/2023

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI – ESTENSJONI TAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

**5645. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4897 u 2382 u ċjoè: Wara dak li ntqal mill-eNGO Flimkien għall-Ambjent Aħjar, u ċjoé li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qed issir estensjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar u kif ukoll li hemm impjegati mill-istess Awtorità tal-Ippjanar li qed jaħdmu fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jista' l-Ministru jippreżenta fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' impjegati tal-Awtorità tal-Ippjanar li qed jaħdmu fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, jekk hemm?
Jista' wkoll:
a. jagħti d-data ta' meta kull persuna daħlet taħdem fis-Sovrintendena tal-Patrimonju Kulturali;
b. jindika l-kariga u l-grad li kull persuna kienet tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar fil-mument li daħlet fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
c. jindika l-kariga u l-grad li tokkupa fl-Awtorità tal-Ippjanar illum minkejja li taħdem mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali;
d. jgħid x'inhi l-kariga u l-grad li daħlet fiha fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali; u
e. jgħid x'inhi  l-kariga u l-grad li tokkupa llum fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali?
Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kull ftehim jew kuntratt li jirregola l-ingaġġ ta' dawn l-impjegati?

25/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. interpellanta li attwalment hemm sitt persuni li jinsabu fuq self mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Infurmat li l-kariga u grad okkupati minnhom fi ħdan is-Sovrintendenza hu hekk:

• Kurt Farrugia – Unit Head - Planning Consultations Unit (05.11.18 -01.11.2020); Superintendent - Ġie appuntat Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali fit-2 ta' November 2020 għal perjodu ta' ħames (5) snin
• Jonathan Borg – Unit Head - Heritage Planning, Consultation and Restoration Monitoring Unit
• Kevin Borda – Unit Head- National Inventory, Research and Archaeology Unit
• Kenneth Cauchi – Senior Executive Officer - Heritage Planning, Consultation and Restoration Monitoring Unit
• Mark Cassar – Senior Executive Officer - Heritage Planning, Consultation and Restoration Monitoring Unit
• Audrey Camilleri – Executive Office - Superintendent's Office

Intant kopji tal-inkartament rikjest bid-dettalji relattivi qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 82
30/01/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY - KORRISPONDENZA**

**5646. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4340 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Gvern Malti u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-tibdil li tħabbar aktar kmieni din is-sena fil-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate? Jista' jippubblika wkoll l-approvazzjoni li ngħatat mill-Kummissjoni Ewropea?

25/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 82
30/01/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY – GĦOTI TA' INĊENTIVI**

**5647. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4896 u 4339 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat ta' kull inċentiv li ngħata taħt il-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate mill-2006 sal-2022 s'issa? Għal kull proġett, jista' jinkludi l-isem tal-proġett, l-isem tal-kumpanija li bbenefikat mill-cash rebate, l-ammont li ngħata mill-Gvern bħala Cash Rebate, l-ispiża diretta tal-film f'Malta u l-ispiża indiretta (fuq riżorsi jew servizzi mill-UE) li kienet eliġibbli għal cash rebate?

25/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**MALTA FILM COMMISSION – LINJI GWIDA ĠODDA GĦALL-FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY**

**5648. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4895 u 4337 u ċjoè: Peress li f'Marzu li għadda l-Malta Film Commission ippubblikat linji gwida ġodda għall-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate, u skont Artiklu 5 ta' dawn il-Linji Gwida, dawn jidħlu fis-seħħ ġaladarba jidħol fis-seħħ l-Avviż Legali, għaldaqstant jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dan l-avviż legali li jirregola dawn il-linji gwida u jinforma lill-Kamra meta daħlu fis-seħħ?

25/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**MALTA FILM COMMISSION – AUDITED ACCOUNTS U RAPPORTI ANNWALI**

**5649. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4887 u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopji tal-Audited Accounts u r-Rapporti Annwali tal-Malta Film Commission għas-snin 2013, 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2020 u 2021?

25/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 82
30/01/2023

**MARSASKALA, ŻEJTUN, ĦAL GĦAXAQ U MARSAXLOKK - POPOLAZZJONI ANZJANA**

**5655. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid mill-aħħar statistika li għandu, kemm hu n-numru ta' residenti anzjani minn 60 sena 'il fuq li jgħixu fil-lokalitajiet ta' Marsaskala, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk separatament u maqsumin skont l-etajiet tagħhom?

25/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt.

**Numru ta' persuni li jgħixu fil-lokalitajiet ta' Marsaskala, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk skont l-età**

| **Età** | **Lokalità** | **Total** | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Iż-Żejtun** | **Ħal Għaxaq** | **Marsaskala** | **Marsaxlokk** | | |
| 60-64 | 892 | 323 | 833 | 296 | 2,344 |
| 65-69 | 779 | 330 | 711 | 240 | 2,060 |
| 70-74 | 803 | 299 | 666 | 222 | 1,990 |
| 75-79 | 565 | 212 | 432 | 139 | 1,348 |
| 80-84 | 332 | 99 | 237 | 69 | 737 |
| 85-89 | 208 | 70 | 146 | 43 | 467 |
| 90-94 | 64 | 23 | 52 | 9 | 148 |
| 95+ | 13 | 3 | 8 | 2 | 26 |
| Total | 3,656 | 1,359 | 3,085 | 1,020 | 9,120 |

Sors: Informazzjoni preliminari miċ-Ċensiment tal-popolazzjoni u tad-djar 2021

Seduta 82
30/01/2023

**IT-TIELET DISTRETT - TQASSIM TA' TAGĦMIR DOMESTIKU LILL-FAMILJI FIL-BŻONN**

**5656. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni/familji meqjusa bhala foqra li bbenefikaw mit-tqassim ta' tagħmir domestiku fit-Tielet Distrett? Lil min għandhom jikkuntattjaw dawn il-familji, biex ikunu jistgħu jingħataw dan is-servizz?

25/01/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 82
30/01/2023

**INFIQ TA' FLUS FIL-LOGĦOB**

**5657. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus fil-*gambling* matul is-sena li għaddiet?

25/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 82
30/01/2023

**MARSASKALA: GĦAJNUNA LIL RESIDENTI ANZJANI**

**5658. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'għajnuna ngħatat lil residenti anzjani minn 60 sena 'il fuq li joqogħdu Marsaskala missena 2020 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

25/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li l-Kunsill approva li jinxtara vann sabiex ikun jistgħu jassistu lil anzjani fil-qadi tagħhom. Infurmat ukoll illi l-proċess tat-tender għadu jinsab fi stadju ta' aġġudikazzjoni.

Seduta 82
30/01/2023

**ĊENTRI TA' MATUL IL-JUM: DRITTIJIET U L-OBBLIGI TAL-ANZJANI**

**5659. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jindika d-drittijiet u l-obbligi tal-anzjani li jattendu fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum? Lil min għandu jikkuntattja jekk dawn id-drittijiet ma jkunux qed jiġu osservati?

25/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-drittijiet u l-obbligi tal-anzjani li jattendu fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum huma kif ġej:

**Drittijiet tal-Anzjani:**

· L-anzjan għandu jiġi trattat b'rispett, mill-impjegati taċ-ċentru, f'kull ċirkostanza.
· L-anzjan għandu jirċievi servizz ta' kwalità.
· L-anzjan għandu dritt jistaqsi dwar servizzi offruti mill-anzjanità attiva u kura fil-komunità.
· L-anzjan għandu dritt iressaq ilmenti dwar is-servizz li jkun qed jingħata fiċ-ċentru.

**Responsabbiltajiet tal-Anzjani:**

· L-anzjan għandu juri rispett kemm lejn l-impjegati taċ-ċentru, kif ukoll lejn klijenti oħra li jattendu ċ-ċentru.
· L-anzjan huwa mħeġġeġ li jipparteċipa fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet; L-anzjan jista' jagħżel hu liema attivitajiet jixtieq jieħu sehem fihom, fl-istess waqt għandu jirrispetta lil dawk li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet li ma jkunx interessat fihom.
· L-anzjan għandu jobdi u jimxi mar-regolamenti u l-policies taċ-ċentru.
· L-anzjan huwa responsabbli mill-affarijiet tiegħu.

F'każ li l-anzjan ikollu xi suġġeriment jew ilment jista' jitkellem mas-supervisor taċ-ċentru fejn jattendi. Jista' wkoll jikkuntattja liċ-Ċentru Servizz Anzjan, jew fuq it-telefown 22788900 jew billi jmur personalment fl-

uffiċċju li qiegħed 3, Triq Żekka, Valletta. Jista' wkoll iċempel bla ħlas fuq in-numru 153 jew jibgħat email fuq aacc-services@gov.mt.
Dawn id-dettalji huma disponibbli f'kull ċentru flimkien ma kaxxi apposta fejn l-anzjani jistgħu jiddepożitaw is-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

Seduta 82
30/01/2023

**MARSAXLOKK – TRIQ XROBB L-GĦAĠIN – FTUĦ TA' TRIQ ĠDIDA FIR-RABA'**

**5660. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi studji saru minn Infrastructure Malta u kif waslu għad-deċiżjoni li tinfetaħ triq ġdida qalb numru ta' għelieqi li għadhom jinħadmu jew huma tajbin għar-raba', fi triq Xrobb l-Għaġin f'Marsaxlokk? Jista jgħid ukoll jekk ġewx ikkonsidrati alternattivi oħrajn u x'inhu l-iskop li jkun hemm din it-triq ġdida li għad trid tiġi ffurmata? Jista' jgħid ukoll fiex wasal dan il-proċess?

25/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fuq talba tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, Infrastructure Malta qiegħda tesplora l-possibbiltà li tiġi eliminata dik il-parti minn Triq Xrobb l-Għaġin, li tgħaddi mill-fdalijiet tat-Tempju tas-Silġ, li bħala sit arkeoloġiku għandu l-għola protezzjoni possibbli (Klassi A) u ssir rotta alternattiva. Bħalissa Infrastructure Malta għaddejja bi proċess ta' konsultazzjoni fuq dan is-suġġett.

Seduta 82
30/01/2023

**KUNSILLI LOKALI – GREEN SOFT AREA PROJECTS**

**5665. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5445 u jgħid kemm kien hemm kunsilli lokali li ħadu sehem fil-programm (proġett) imsejjaħ "Consolidating green soft area project"? Kemm proġetti fil-fatt twettqu u fejn? Kemm kienet in-nefqa involuta f kull każ?

25/01/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-ebda kunsill mhu ingaġġat f'xi skema bl-isem indikat mill-Onor. Interpellanta.

Seduta 82
30/01/2023

**XIRI TA' MEDIĊINI**

**5674. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5376 li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm qegħdin jinxtraw dawn il-mediċini bħalissa mill-ispiżeriji u kemm kien il-prezz tagħhom f'Jannar 2022: Actifed, Keral, Broncho/Influtuss, Flodol Heat/Ice, Paracetamol, Hysan, Muciclar syrup, Solpadiene caps (30 tabs), Medofed Syrup u Ventolin inhaler?

25/01/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità dwar il-Mediċini tissalvagwardja s-saħħa tal-pazjent billi tassigura l-kwalità, is-sigurtà u l-effikaċja ta' prodotti mediċinali. Filwaqt hu dmir ukoll ta' l-Awtorità li tassigura li l-mediċini ikunu affordabbli, il-prezzijiet huma kummerċjalment sensittivi.

Seduta 82
30/01/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-COMMUNAL PARKING BAYS**

**5675. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 5156, jista' l-Ministru jagħti tagħrif jekk Kunsill Lokali jistax japplika għal Communal Reserved Parking Bay għax-xhur tas-sajf biss jew għal xi perijodu ieħor? Jekk iva, x'inhi l-proċedura li tintuża f'dan il-każ? Jista' jgħid fejn jinsabu s-17-il applikazzjoni msemmija fit-tweġiba u jekk dawn humiex għal sena sħiħa jew għal perijodu speċifiku?

26/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorita' ta' Trasport mhux qed tipproċessa talbiet mill-Kunsilli lokali għall-Communal Reserved Parking Bays għax-xhur tas-sajf biss jew għal xi perjodu ieħor.
Kull applikazzjoni għall-Comunal Reserved Parking Bay tkun għal sena sħiħa.
Applikazzjonijiet pendenti għall-Communal reserved Parking Bays:
Iklin
Bormla
Marsa
Hamrun
Fgura
Birzebbugia (2)
Zurrieq
Gharghur
Birkirkara (2)
Qormi
Isla
Sliema
Santa Lucia
St Paul's Bay

Waħda minnhom irtirat l-applikazzjoni u applikat għall-personalised reserved parking bay.

Seduta 82
30/01/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PERSONALISED RESERVED PARKING BAYS**

**5676. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5157, jista' l-Ministru jagħti tagħrif jekk persuna tistax tapplika għal Personalised Reserved Parking Bay għax-xhur tas-sajf biss jew għal xi perijodu ieħor? Jekk iva, x'inhi l-proċedura li tintuża f'dan il-każ?

26/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li persuna tista' tapplika għall-Personalised Reserved Parking Bay għax-xhur tas-sajf biss fuq l-istess applikazzjoni skont kif stipulat fil-policy:

2.3 In the case that the person with disability has a winter and a summer residence, the application will be considered as follows:
• for the Winter residence. Reserved Parking Bay between October and May with Unrestricted Parking for Blue Badge Holders between June and September.
• for the summer residence. Reserved Parking Bay between June and September with Unrestricted Parking for Blue Badge Holders between October and May.

Seduta 82
30/01/2023

**RESERVED PARKING BAYS - APPLIKAZZJONI**

**5677. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadux possibbli li persuna b'diżabilità li għandha blue sticker tapplika għal reserved parking bay li mhux personalizzat u li allura jista' jipparkja fiha kull min għandu blue sticker?

26/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tat-Trasport tipproċessa applikazzjonijiet għall-Communal Reserved Parking Bays mill-Kunsilli Lokali filwaqt li tilqa' applikazzjonijiet minn individwi għal personalised parking bays.

Seduta 82
30/01/2023

**PERSUNI B'DIŻABIITÀ – RESERVED PARKING BAYS**

**5678. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal l-istudju li ġie kkummissjonat mill-Awtorità tat-Trasport flimkien mas-CRPD u l-Aġenzija Sapport dwar Reserved Parking Bays għal persuni b'diżabilità? Fiex jikkonsisti dan l-istudju?

26/01/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 82
30/01/2023

**NAXXAR – BREAKWATER IN-NAĦA TAS-SALINA - MANUTENZJONI**

**5679. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5379 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu u ċjoè jista' jieħu l-passi neċessarji biex il-breakwater (mibni b'ġebel kbir) li hemm fit-tarf tal-kanal li jdawwar is-salini tal-melħ, in-naħa tas-Salina, Naxxar, jiġi rranġat qabel ma jitfarrak għal kollox?

26/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, wara li kiseb il-permessi meħtieġa mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar, qed jipprepara sejħa għall-offerti għal xogħol estensiv ta' restawr fuq dan il-ħajt fil-baħar, li jagħmel parti mill-kumpless tas-salini tal-melħ fil-bajja tas-Salina. Ix-xogħlijiet ta' restawr huma mistennja li jibdew kmieni s-sena id-dieħla.

Seduta 82
30/01/2023

**BANEK – TNEĦĦIJA TA' KONTIJIET BANKARJI**

**5685. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu biex jigi protett il-konsumatur in vista tal-fatt li membri varji mill-komunità kummerċjali sabu li numru ta' banek qegħdin ineħħu kontijiet bankarji b'deċiżjonijiet unilaterali mingħajr ma jkun ingħata pre-avviż?

26/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-MFSA ma rċevietx ilmenti f'dan ir-rigward.

Madankollu, jekk kemm-il darba l-Awtorità tiġi a konjizzjoni ta' prattiċi li jippreġudikaw kljienti ta' servizzji finanzjari jew tirċievi lmenti f'dan is-sens, din tieħu l-passi neċessarji skont il-każ u s-setgħat mogħtija lilha skont il-liġi viġenti.

Seduta 82
30/01/2023

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ SAN ĠWANN– TISWIJIET TAĊ-ĊANGATURA**

**5686. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5407 u ċjoè jista' jara li l-ħsara li hemm fiċ-ċangatura fi Triq San Ġwann il-Belt Valletta, kantuniera ma' Strada Stretta, tiġi msewwija billi hija ta' inkonvenjent u periklu kbir għal min jagħmel użu minnha?

26/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 82
30/01/2023

**MINISTRU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – SAFAR FUQ XOGĦOL MINISTERJALI**

**5687. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba attenda tul is-sena li għaddiet laqgħat barra minn pajjiżna inkonnessjoni max-xogħol ministerjali? Jista' jindika wkoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

26/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministru siefer 12-il darba fis-sena 2022. Akkumpanjaw lill-Ministru 2 jew 3 delegati skont il-bżonnijiet tax-xogħol. L-ispiża totali kienet ta' €98,565.06, l-akkomodazzjoni kienet ta' €47,208.07 u l-biljetti tal-ajru u spejjes oħra €39,559.21. Minnhom tħallsu €6,149.89 mill-Presidenza Franciza u €5,647.89 mill-Presidenza tar-Republika Ċeka. Barra minn dan, rimborż fuq biljetti tal-ajru €6797 u rimborż fuq akkomodazjoni €1036 huwa dovut mill-UE.

Seduta 82
30/01/2023